MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1413/1993/1

**Philip A. Grima**

**Vs**

**Direttur tas-Sajd u Ministru ghall-Ikel, Agrikoltura u Sajd ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur inghata licenzja ghas-sena korrenti mid-Direttur tas-Sajd sabiex jesporta it-tuna;

Premess illi ghall-hrug ta' dik il-licenzja l-attur kellu jipprovdi garanzija bankarja favur il-konvenut Direttur tas-Sajd ghas-somma ta' erbat elef liri Maltin (Lm4000) (Dok.

A), u dan sabiex jikkawtela li jattwa l-obbligazzjonijiet minnu assunti taht il-licenzja;

Premess illi bhala wahda mill-kondizzjonijiet ta’ din il-licenzja hemm illi l-attur flimkien ma’ licenzjat iehor ikollu jixtri dik it-tuna li tibqa’ wara li jsir irkant kemm ghat-tuna li ser tigi esportata kif ukoll ghat-tuna li tinxtara mill-bejjiegha tal-hut licenzjati ghall-bejgh lokali;

Premess illi fil-bidu ta’ Lulju 1993 ammont minn din it-tuna tkun tibqa’ u li normalment hu obbligat li jixtri l-attur, kienet qeghda tinstab f’kondizzjoni li mhijiex tajba ghall-konsum;

Premess illi f’okkazjoni partikolari, cioe` fit-3 ta’ Lulju 1993, l-attur sab illi parti sostanzjali minn din it-tuna ma kinitx tajba ghall-konsum waqt li l-parti l-ohra kienet tinten, u b’hekk naturalment ma kinitx accettabbli mill-bejjiegha tal-hut;

Premess illi dana gie certifikat mill-veterinarju Dottor Victor Vassallo, (Dok. B);

Premess illi, ghalhekk, fil-5 ta’ Lulju 1993 l-attur kiteb lid-Direttur tas-Sajd u infurmah b’din is-sitwazzjoni u baghat ukoll certifikat ta’ l-istess veterinarju imsemmi (Dok. C);

Premess illi l-attur avza lid-Direttur tas-Sajd illi huwa ma kienx ser ikompli jonora il-ftehim, cioe` licenzja, fir-rigward tal-bejgh tat-tuna minhabba din is-sitwazzjoni u, fuq parir ta’ expert Gappuniz li ntbagbat mid-ditta Gappuniza li lilha kien jesporta it-tuna, illi s-sistema li biha it-tuna tigi mizmuma minn meta tinqabad sakemm tinbiegh kienet sistema difettuza li twassal lit-tuna tista’ tehzien, specjalment f’dak z-zmien tas-sena fejn it-temperatura tkun gholja;

Premess illi fl-istess mument il-konvenut Direttur tas-Sajd informa lill-attur illi jekk huwa ma kienx sejjer jigbor sehmu mit-tuna sa nofsinhar tas-6 ta’ Lulju 1993, il-garanzija bankazja li hu kien iddepozita mal-licenzja kienet ser tissarraf;

Premess illi hu kien ser jigi '*backlisted*' mad-Dipartiment tas-Sajd minn dakinhar u illi l-licenzja ta' l-esportazzjoni kienet ser tigi rtirata (Dok. D);

Premess illi permezz ta' ittra datata 6 ta' Lulju 1993 il-konsulent legali ta' l-attur avza lill-konvenut Direttur tas-Sajd illi l-attur ma kellu ebda obbligu li jixtri tuna li ma kinitx tal-livell rikjest. Huwa avzah ukoll illi din hi kondizzjoni tacita ghal kwalunkwe ftehim u hija ukoll espressament imnizzla fil-klawsola C ta' ftehim ta' *tender* a bazi ta' liema il-ftehim, cioè licenzja, prezenti gie finalizzat; (Dok. E);

Premess illi din il-pozizzjoni giet konfermata permezz ta' protest gudizzjarju prezentat fis-16 ta' Lulju 1993;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur ma kienx obbligat jonora l-ftehim imsemmi, u cioè il-kondizzjonijiet tal-licenzja, u li b'hekk ma kiser ebda kondizzjoni ta' l-istess licenzja;

2. Sussegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Direttur tas-Sajd jew min minnhom ma kellu ebda dritt li jirtira l-licenzja ta' l-attur, li jsarraf il-garanzija bankarja, jew li jiddikjarah bhala "*blacklisted*" mad-Dipartiment;

3. Per konsegwenza, tordna lill-konvenuti sabiex jirrintegraw lill-attur fil-pozizzjoni li kien qieghed fiha qabel is-6 ta' Lulju 1993, u b'hekk jerga' jinghata l-licenzja relattiva, tigi rtirata d-dikjarazzjoni li huwa kien "*blacklisted*", u tigi ritornata lill-attur l-garanzija bankarja jew, f'kaz li tkun giet imsarrfa, tigi rifuza dik is-somma hekk imsarrfa;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra interpellatorja tas-6 ta' Lulju 1993 u protest gudizzjarju tas-16 ta' Lulju 1993, kontra l-konvenuti u b'riserva ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lill-attur, senjatament dik ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi ma kien minnu xejn li xi darba l-attur xtara xi tuna f'kondizzjoni li mhix tajba ghall-konsum;

2. Illi wiehed ried jara l-verita` kollha u c-cirkostanzi reali ta' kif u ghalfejn il-veterinarju Dottor Victor Vassallo irrilaxxja ic-certifikat in kwistjoni, u jekk verament ic-certifikat jirriferix ghat-tuna li l-attur xtara fil-perjodu in kwistjoni;

3. Illi l-attur kien ilu jaf kif tahdem is-sistema li biha it-tuna tigi mizmuma mill-esponent, ferm qabel ma inhargitlu l-licenza relattiva u qabel ma ta l-kunsens tieghu u accetta l-kondizzjonijiet relattivi;

4. Illi l-esponent espressament irriserva d-dritt li jirtira dik il-licenza f'kaz li l-attur ma jonorax l-obbligu assunt minnu li jixtri t-tuna zejda li ma tkunx inbieghet lil bejjiegha ohra;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tas-7 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji Dr. Joseph Azzopardi u Professur Victor Ferrito biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti nominati li jinsabu a fol. 48 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-licenzja ta' l-esportazzjoni akkordata fl-1993 mill-konvenut lill-attur kienet soggetta ghall-arrangament illi t-tonn li jibqa' mhux mibjugh fil-kors ta' l-irkant tieghu kellu jinxtara mit-titolari tal-licenzja, fosthom l-attur. Dan kif dikjarat minnu fic-citazzjoni u kif konfermat ukoll fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-5 ta' Mejju 1994;

Gara illi meta l-attur illanja illi certu tonn kien hazin ir-rejazzjoni tal-konvenut kienet dik li ser izommlu l-garanzija bankarja u jaghmlu "*blacklisted*". Huwa proprju minhabba dan l-atteggjament tal-konvenut li l-attur ipproceda bl-istanza prezenti;

It-tezi ta' l-attur taggira fuq l-assunzjoni illi hu kellu d-dritt jirrifjuta li jaccetta tonn li ma kienx addattat. Dan isostnih in referenza ghall-kondizzjoni tal-licenzja li testwalment tipprovdi illi "*the buyer shall have the right to refuse any fish that is damaged or is not in a state suitable for export*". (fol. 8);

B'raguni ghal dan ir-rifjut l-attur jirreferi ghall-accertamenti li saru mill-espert Gappuniz fil-kors tax-xiri tal-hut u ghall-verifiki stabbiliti mill-veterinarju tal-Gvern, Dr. Victor Vassallo, li ccertfika li t-tonn kien "*unfit for human consumption*" (fol. 9). Fi kliem ix-xhud Tommaso Abela (Seduta 27 ta' Lulju 1994), meta t-tonn mixtri mill-attur kien qed jigi preparat ghall-esportazzjoni "bdejna nsibu kull dudu daqs pulzier". Dan il-fatt jikkorroborawh ix-xhieda Francis Carabott (seduta 23 ta' Gunju 1994) u Joseph Seguna (seduta 15 ta' Dicembru 1994) li kienu jassistu lill-attur;

Minn naha tieghu l-veterinarju Vassallo (seduta 20 ta’ Dicembru 1995) filwaqt li jistqarr li ma kienx espert fil-hut pero` meta ezamina t-tonn sab kambjament organilletiku anke rigward riha. Zied jaggungi illi “l-karatteristici tal-laham kienu jindikaw dan u jidhirli li kienu kawzati minn parassiti gol-laham”. Dejjem skond dan ix-xhud il-hut kien gja marid fil-bahar. Dan ghar-raguni illi “biex ikun marid bil-parassiti jrid ikun haj”;

Il-fehma ta’ dan il-veterinarju hi kondiviza mill-espert tekniku nominat minn din il-Qorti kif evidenzjat fir-relazzjoni tieghu a fol. 54 tal-process;

Rinfaccjata b’dawn ic-cirkostanzi ta’ fatt, din il-Qorti, bhal perit legali qabilha, ssibha difficli biex tiskarta dak certifikat mill-imsemmi veterinarju u mill-espert tekniku taghha dwar l-istat tal-hut spezzjonat u li certament kien jinfluwixxi fuq l-ghazliet ta’ l-attur koncernanti x-xiri tieghu;

Ic-certifikat mahrug taht l-awtorita` tad-Dipartiment tal-Veterinarju jaghmel forza probatorja qawwija li ma tistax tigi hekk facilment skartata. Dan anke in vista ta’ dak li jinghad fl-Artikolu 629 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

B’paragun ghall-kaz ta’ bejgh ta’ laham jista’ jinghad ukoll f’dan il-kaz ta’ bejgh ta’ hut illi billi l-approvazzjoni mill-awtorita` kompetenti hi mplicita f’vendita ta’ din ix-xorta, anke jekk din ma tissemmiex *expressis*, il-bejgh xorta wahda ma jsehhx jekk ma jghaddix il-vista veterinarja – “**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Gunju 1943;

Jinghad a propozitu fl-Artikolu 1352(1) tal-Kodici Civili illi “kwantu ghal dawk il-hwejjeg illi taghhom, skond l-uzu jew bis-sahha ta’ patt espress, ghandu, qabel ix-xiri, isir l-assagg jew il-prova, ix-xerrej mhux obbligat sakemm ma jkunx approvahom.”

Fil-kaz *de quo* ta’ l-uzu l-kriterju adoperat ma jigix akkampat skond il-gost jew il-fehma tax-xerrej izda ghal fini tad-determinazzjoni tal-markantibilita` u l-bonta` tal-

haga. Fi kliem iehor il-materja mhix imhollija fid-diskrezzjoni soggettiva tax-xerrej izda din tigi valutata oggettivament, b'mod li jekk il-haga, bhal f'dan il-kaz, tinstab li ma tkunx tajba ix-xerrej ikun jista' jiddisdici l-bejgh;

Konsiderat il-kaz fl-aspett duplici tieghu ta' fatt u ta' dritt, kompriz il-patt ta' rizerva favur l-attur xerrej tar-rifjut tat-tonn minnu ragjonevolment ezercitat bis-sostenn ta' verifika teknika, dan jissuggerixxi li l-posizzjoni assunta mill-attur kienet wahda korretta;

Daqstant iehor jista' jinghad illi wara li gew ezaminati l-aspetti kollha f'dan il-kaz, il-Qorti ssib li l-kontenzjoni tal-konvenut li johrog ordni biex l-attur jigi "*blacklisted*" u ma jkunx jista' jikkompeti *f'tenders* tal-Gvern, kif hekk mistqarr minn Joseph Pullicino, Principal Fisheries Officer, (seduta 9 ta' Lulju 1997), hi ghal kollox sgradevoli, sproporzjonata, skorretta u kapriccjuza. Dan, *multo magis*, imbaghad, meta l-konvenut mhux biss ma rnexxielux isostni l-ewwel eccezzjoni tieghu izda addirittura ma ghamel l-ebda impenn jew sforz biex din id-difiza tieghu tigi sorretta bi prova certa u assodanti;

Hi gurisprudenza tajba dik li sostniet illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett ghax dan hu hazin u mhux adatt ghal fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh, u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh ..." (**Vol. XXXVII P I p 600**);

Fil-kaz in ispecje din il-presunzjoni tfisser li t-tonn kellu jkun kummercjalment tajjeb fil-mument ta' l-ezami u xiri tieghu; fatt dan li kif fuq manifest ma kienx hekk il-kaz.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur ma kiser l-ebda kondizzjoni tal-licenzja u anzi kien korrett ma jonorax, ghar-ragunijiet fuq stabbiliti, il-ftehim tax-xiri tat-tonn;

Tilqa’ t-tieni talba billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut Direttur tas-Sajd ma kellu l-ebda raguni biex jiddikjara “*blacklisted*” lill-attur u jzommu milli jikkompeti f’*tenders* tal-Gvern.  Hekk ukoll ma kellu l-ebda dritt, f’kaz li sar hekk, li jsarraf il-garanzija bankarja;

Konsegwentement u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet maghmula, tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-konvenuti jirrientegraw lill-attur fil-posizzjoni *ante quo* d-decizjoni mehuda fil-konfront tieghu, okkorrendo billi tigi rtirata d-dikjarazzjoni tal-”*blacklisting*” ta’ l-attur, tinghatalu lura l-licenzja, u tigi ritornata lilu l-garanzija bankarja jew, fil-kaz tat-tisrif taghha, is-somma ekwivalenti ta’ l-istess garanzija bankarja.

L-ispejjez gudizzjarji kollha jibqghu a kariku tal-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------